**Ruling mogħti mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 189 tal-21 ta' Ottubru 2014, għar-rigward ta' każ imqajjem mill-Onor. George Pullicino fil-konfront tal-Onor. Konrad Mizzi, Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa**

Fis-seduta numru 188 tal-20 ta' Ottubru 2014 l-Onor George Pullicino oġġezzjona għall-kliem li kien qal dwaru l-Onor. Konrad Mizzi, Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa u nikkwota:

> "**ONOR. GEORGE PULLICINO:** L-Onor. Konrad Mizzi għadu kemm qal x'jgħidu n-negozjanti fuqi. Issa nisfidah jgħidli b'negozjant wieħed x'qal fuqi. Jien nisfidak. Jien nadif aktar minn kull wieħed minnkom faċċata. (Interruzzjonijiet)
>
> **MR SPEAKER**: Lesti l-*point of order*. (Interruzzjonijiet)
>
> **ONOR. GEORGE PULLICINO:** L-Onor. Mizzi jrid jgħid ... (Interruzzjonijiet) Fid-diskors tiegħu l-Onor. Mizzi pprova jimplika u jħammiġni billi qal "naf x'jgħidu n-negozjanti fuqek". Jien nisfidah isemmi negozjant wieħed x'qal fuqi. Issa nisfidah jgħidilna skont *Standing Order* 60 ta' din il-Kamra. (Interruzzjonijiet)
>
> **MR SPEAKER**: Kollox sew. (Interruzzjonijiet) Qegħdin naħlu l-ħin tal-Kamra. Ministru, ħu paċenzja. Is-Sedja qed tistaqsi fuq l-allegazzjoni li għamilt. Se tissostanzjaha, se tħalliha kif inhi jew se tirtiraha?
>
> **ONOR. KONRAD MIZZI**: Sur President, għaddejt l-informazzjoni kollha lill-pulizija.
>
> **MR SPEAKER**: L-Onor. George Pullicino.
>
> **ONOR. GEORGE PULLICINO**: Mr Speaker, jien m'għandi l-ebda problema li l-Onor. Konrad Mizzi, jgħaddi kwalunkwe informazzjoni lill-pulizija u lil kull min irid. Imma hu ġie jitkellem f'din il-Kamra, ipprova jimplika b'mod negattiv x'jgħidu n-negozjanti fuqi, u allura issa qed nisfidah biex iqum hawnhekk u jgħidli b'wieħed x'qal fuqi.
>
> **MR SPEAKER:** Onor. Pullicino, qed titlob *ruling*?
>
> **ONOR. GEORGE PULLICINO:** Jien niddikjara f'din il-Kamra li jien dejjem għamilt xogħli bl-akbar reqqa u bl-akbar onestà u ma naħsibx li kulħadd f'din il-Kamra jista' jgħid l-istess.
>
> **MR SPEAKER**: Kollox sew. (Interruzzjonijiet) Onor. George Pullicino, jekk jogħġbok, qed tkellmek is-Sedja. Qed titlob *ruling* taħt Standing Order 60?
>
> **ONOR. GEORGE PULLICINO**: Iva, Mr Speaker."

Is-Sedja tifhem li l-Onor. George Pullicino kien qed iqajjem dan il-punt b'reazzjoni għar-rimarki li kien għadu kif għamel il-Ministru Konrad Mizzi ftit minuti qabel, u nikkwota:

“**ONOR. KONRAD MIZZI:** Sur President, xtaqt nirreġistra dan il-punt importanti. Il-Gvern Nazzjonalista, li tant jgħidilna fuq kuntratti u *agreements,* fl-aħħar ġimgħat tat-*tenure* tiegħu fil-Gvern, ta kuntratt lil kumpanija privata, feed-*in tariff*, biex għal kull *unit* ta' elettriku jħallas €0.23c għal 25 sena sħaħ! Dak kien proċess ta' *tender* fejn spiċċat ittenderjat kumpanija waħda biss u din il-kumpanija ttenderjat bi prezz għoli, €0.23c li jfisser, fuq medda ta' 25 sena, €25 miljun aktar mill-prezz iġġenerat mill-gass.

Fuq dan kollu, Sur President, se jkollna ħafna xi ngħidu. Sar *audit…* (Interruzzjonijiet) Ismagħni sew George, ismagħni sew issa. *Hear me out, my dear friend.* Taf kemm jgħidu fuqek, kull negozjant li jeżisti f'Malta. *Hear me out, Georgie.* (Għajat)

**MR SPEAKER:** Indirizza lis-Sedja, jekk jogħġbok.

**ONOR. KONRAD MIZZI:** Mela ħa nkunu ċari. Sar *audit* ta' dan il-kuntratt mill-Investigation Unit, l-IAID, u nstabu numru ta' irregolaritajiet amministrattivi u finanzjarji fil-*procurement.* Imma agħar minn hekk - tal-mistħija din! - dawn taw lil kumpanija privata - mingħajr ma nsemmiha hawn – u għaddewhielhom xorta fl-*adjudication process*, dokument minn bank mhux iffirmat! Meta tlabna lil dan il-bank biex jikkonfermalna d-dokument, qalilna: Dan huwa impossibbli li ħriġnih aħna. Dan il-kuntratt ingħata taħt il-*watch* ta' George Pullicino! Kuntratt bil-prezz ta' 23c Għidli b'kemm se tgħolli t-tariffi! Għalfejn, George, tajt dan il-kuntratt? In-nies jitkellmu dwarek. (Interruzzjonijiet) (Għajat)”

Waqt il-battibekk li nqala', il-Ministru Konrad Mizzi informa lill-Kamra li d-dokument in kwestjoni kien għaddih lill-pulizija.

Is-Sedja eżaminat it-traskrizzjoni kif hawn fuq riprodotta, u minbarra l-Ordni Permanenti 60 li għalih saret referenza mill-Onorevoli Pullicino, rat ukoll l-Ordnijiet Permanenti 35(3), 36 u 48, kif ukoll l-artikoli 11(1) u 11(4) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra u dan biex tara jekk l-akkuża tistax taqa' taħt xi waħda mill-provvedimenti tal-Ordnijiet Permanenti jew tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113).

L-Ordni Permanenti 60 iċċitat mill-Onor. Pullicino jgħid hekk:

**“60.** Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru.”

Jingħad illi l-oġġezzjoni tal-Onorevoli George Pullicino ma kenitx fuq il-fatt illi l-Ministru Konrad Mizzi għadda l-informazzjoni lill-Pulizija. Tant hu hekk, li s-Sedja talbet lill-Onor. Konrad Mizzi biex jissostanzja dak li qal fil-konfront tiegħu, ċertament il-parti fejn qal:

“Taf kemm jgħidu fuqek kull negozjant li jeżisti f'Malta. *Hear me out Georgie*”.

Hija hawn il-parti li fuqha qed jibbaża t-talba għar-*ruling* tiegħu l-Onor. Pullicino u mhux fuq il-fatt li hemm investigazzjoni f'idejn il-pulizija. Infatti, l-Onor. Pullicino qal hekk:

> "Mr Speaker, jien m'għandi l-ebda problema li l-Onor. Konrad Mizzi jgħaddi kwalunkwe informazzjoni lill-pulizija u lil kull min irid. Imma hu ġie jitkellem f'din il-Kamra, ipprova jimplika b'mod negattiv x'jgħidu n-negozjanti fuqi, u allura issa qed nisfidah biex iqum hawnhekk u jgħidli b'wieħed x'qal fuqi."

Il-fatt li l-Ministru Konrad Mizzi għamel allegazzjoni fil-konfront tal-Onor. Pullicino, il-mod kif qalha, il-mod kif ġiet abbinata ma' kuntratt suġġett ta' *adjudication process*, suġġett ta' *audit* minn IAID kif deskritta aħjar mill-istess Ministru Konrad Mizzi:

> "Mela ħa nkunu ċari. Sar *audit* ta' dan il-kuntratt mill-Investigation Unit, l-IAID, u nstabu numru ta' irregolaritajiet amministrattivi u finanzjarji fil-*procurement*. Imma agħar minn hekk - tal-mistħija din! - dawn taw lil kumpanija privata - mingħajr ma nsemmiha hawn –"

huwa ċar u manifest li kif poġġa l-argument il-Ministru Konrad Mizzi dak il-ħin, ta x'jifhem lill-Onor. Pullicino, li per konsegwenza ta' dan il-kuntratt, in-negozjanti kienu qed jitkellmu fuqu b'mod negattiv.

Fil-fatt, l-istess Ministru Konrad Mizzi qal hekk:

> "Għalfejn, George, tajt dan il-kuntratt? In-nies jitkellmu dwarek."

Huwa ċar li meta l-Ministru Konrad Mizzi ftit qabel irrefera għal negozjanti u mbagħad irrefera għal "nies jitkellmu dwarek", kien qed jitkellem fuq l-istess suġġett.

Ir-*ruling* li ntalab taħt l-Ordni Permanenti 60 jitkellem ċar dwar użu ta' kliem offensiv u mhux xieraq kontra l-karattru b'referenza għal Membru tagħha. Jitkellem ukoll li m'għandu jkun hemm ebda intenzjoni ħażina li għandha tiġi attribwita lil xi Membru.

Is-Sedja eżaminat dan kollu u daħlet profondament fil-mod li anke jekk l-istess Membru – f'dan il-każ il-Ministru Konrad Mizzi – b'dak li qal seta' ma riedx jattribwixxi attakk fuq il-karattru tal-Onor. Pullicino, ladarba s-Sedja tara li l-komportament tal-kliem li ntuża' seta' jwassal għal dan, allura huwa d-dover tas-Sedja li tara li jkun hemm rimedju b'tali mod li jiġi protett kull Membru.

Fil-fatt, anke l-istess Erskine May f'paġna 277 (l-24 edizzjoni) jgħid:

> *"When a Member has made an acceptable apology for the offence, the critical motion has sometimes been withdrawn".*

F'diversi każijiet fir-*rulings* tagħha is-Sedja spjegat, bħalma qed isir illum, li jkun għaqli li l-istess persuna li tkun indirizzat lill-parti *lesa,* il-bon sens jitlob li tirtira l-kliem li għalihom qiegħda tagħmel referenza s-Sedja jew li tagħti spjegazzjoni aktar ċara fejn jitneħħa kull dubju jew kull

intenzjoni ħażina fuq il-karattru tal-Membru. Dan żgur li huwa nieqes f'dak li sar fis-seduta tal-bieraħ. Tant hu hekk, li meta s-Sedja staqsiet lill-Ministru Konrad Mizzi biex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu:

> **"MR SPEAKER**: Kollox sew. (Interruzzjonijiet) Qegħdin naħlu l-ħin tal-Kamra. Ministru, ħu paċenzja. Is-Sedja qed tistaqsi fuq l-allegazzjoni li għamilt. Se tissostanzjaha, se tħalliha kif inhi jew se tirtiraha?
>
> **ONOR. KONRAD MIZZI**: Sur President, għaddejt l-informazzjoni kollha lill-pulizija."

Din ma kenitx biżżejjed. Il-fatt li l-Ministru Konrad Mizzi għadda l-informazzjoni lill-pulizija, ma jagħtih l-ebda dritt li jsir ġudikant huwa billi jattribwixxi lill-Onor. Pullicino bi kliem li jattakka l-karattru tiegħu. Aktar u aktar meta kif qal hu stess, il-każ għadu f'idejn il-pulizija għall-investigazzjoni u xejn aktar.

Il-kliem li ntuża mill-Ministru Konrad Mizzi waqt id-dibattitu parlamentari tal-bieraħ

> "Taf kemm jgħidu fuqek kull negozjant li jeżisti f'Malta"

jista' jwassal għal forma ta' intimidazzjoni li diġà hija serja fil-konfront ta' parlamentari.

Fuq dan il-punt, l-istess Erskine May (l-24 edizzjoni) f'paġna 264, jgħid hekk:

> *"To attempt to intimidate a Member in his Parliamentary conduct by threats, is also a contempt ... Actions of this character which have been proceeded against, include impugning the conduct of Members ...".*

Dan m'għandu jsir qatt imma kif dejjem esprimiet is-Sedja f'*rulings* preċedenti tagħha, inkluż dak mogħti fis-seduta 22 tas-27 ta' Mejju 2013, u nikkwota:

> "Filwaqt li s-Sedja tifhem li kull Membru għandu jkollu d-dritt kollu ħieles li jikkritika l-operat ta' kull Membru ieħor fil-ħidma parlamentari tiegħu, fl-istess ħin hija marbuta li tara li ma jintużax kliem offensiv kemm fil-konfront tal-Kamra kif ukoll kontra Membru tal-istess Kamra."

Is-Sedja rat ukoll dak li nqala' fil-mument meta ntalab dan ir-*ruling*, ċjoè, l-intervent tal-Onor. Prim Ministru u nikkwota:

> "Le, għandi dritt inkun naf x'inhi l-oġġezzjoni tal-Onor. Pullicino. (Interruzzjonijiet) Le, dak mhux *point of order*. Nixtieq inkun naf x'qed jitlob l-Onor. Pullicino fil-*point of order*."

Is-Sedja llum tista' tifhem li l-kwestjoni li qamet fis-seduta tal-bieraħ dwar id-dokument imsemmi mill-Onor. Konrad Mizzi diġà kienet b'xi mod trattata meta l-istess Prim Ministru qal:

> "Jekk trid li nagħmlu hekk, naraw x'se jgħid l-iSpeaker; nimxu b'dawn ir-regoli. Imma nixtieq nifhem x'inhu l-*point of order* tal-Onor. Pullicino"

Is-Sedja fehmet li hawnhekk il-Prim Ministru ried li b'xi mod tiġi ċċarata l-kwestjoni l-oħra u ċjoè s-suġġett tar-*ruling* tal-lum.

Qabel ma tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha, is-Sedja tirrimarka, u dan b'referenza diretta għall-Ministru Konrad Mizzi, li qatt m'għandu jonqos mir-rispett fil-mod kif jindirizza Membru u hawn qed nirreferi għas-seduta tal-bieraħ meta indirizza lill-Onor. Pullicino bl-isem "Georgie". Huwa imperattiv li l-kliem magħżul għandu jkun wieħed ta' rispett u dinjutuż.

L-istess Erskine May f'paġna 444 (l-24 edizzjoni) jgħid hekk:

> *"Good temper and moderation are the characteristics of parliamentary language."*

Min-naħa l-oħra s-Sedja, bħalma għamlet f'okkażjonijiet oħra, kif turina wkoll id-duttrina parlamentari teżiġi li kull meta jinqala' inċident bħal dan dejjem tipprova tara li fiċ-ċirkostanza, il-kwestjoni tiġi normalizzata fl-iqsar żmien u dan proprju fis-seduta segwenti wara dik tal-bieraħ. Din il-proċedura hija segwita wkoll fil-House of Commons.

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li l-Ministru Konrad Mizzi għandu jirtira l-kliem:

> "Taf kemm jgħidu fuqek kull negozjant li jeżisti f'Malta?"

u dan fil-konfront tal-Onor. Pullicino. Jekk jiġi rtirat, is-Sedja tiddeċiedi li l-każ huwa magħluq.

Fin-nuqqas ta' dan, allura l-Ministru Konrad Mizzi jkun qed jassumi hu r-responsabilità totali tal-allegazzjoni u allura huwa mistenni minn din is-Sedja li jrid jikkorroboraha.

Jekk imbagħad jonqos milli jagħmel dan, u ma jikkorroborax l-allegazzjoni li jżomm ferm hu din l-allegazzjoni, is-Sedja ma jkollha l-ebda alternattiva fiċ-ċirkostanzi li ssib lill-Ministru Konrad Mizzi ħati *prima facie* ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Onor. Pullicino u għalhekk imbagħad ikollha tirreferi din il-materja lill-Kumitat dwar il-Privileġġi. Dan dejjem b'appell aħħari f'dan l-istadju u biex tiġi evitata eskalazzjoni ulterjuri u li jirrenja l-bon sens għal dan ir-rimedju kif indikat mis-Sedja f'dan ir-*ruling*.